SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 12/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/01/'09** **241**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/01/'09** **294**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 29 ta' Jannar 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Edgar Montanaro.

1.05 Kien hemm preżenti wkoll is-Sur Louis Padovani, l-accountant tal-Kunsill u żewġ rappreżentanti tal-MEUSAC, Ms Maria Schembri u Ms Lavinia Cassar.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-22 ta' Jannar 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza

3. Rapport Finanzjarju sal 31.12.08
4. Fondi E.U.
5. Kalendarju tal-Kunsill
6. Ġnien Dun Anton Sciberras
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 10/K6/08 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 10/K6/08.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 11/K6/08 għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 11/K6/08.

1.3.07 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.09 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss Item 3 ta' l-aġenda qabel Item 2.

1.3.10 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Rapport Finanzjarju sat-31/12/08**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-rapport Finanzjarju li jkopri sal-31/12/08 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fis-2.20pm.

3.04 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill irringrazzja lis-Sur Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom. Is-Sur Padovani ġie skużat fit-2.25 p.m.

3.05 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju sal-31/12/08.

3.06 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Rif. Nru. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

4945 Ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward ir-relaunching tal-Waterpolo Nursery.

4977&5112 Dokument li ntbagħat lill-Comune di Milazzo u ġie rritornat mingħajr ma' ttieħdet l-ebda azzjoni u risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Ġemellaġġ ma' Milazzo.

5020 Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Sta Venera dwar laqgħa li saret mas-Sindku Peter Bonello.

5081&5082 Test Reports mingħand is-Solid Base Laboratory Ltd.

5106 Memo 40/2008 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Merry-go-rounds fil-Playing Fields.

27 Ittra mingħand il-MEPA rigward l-iskedar ta' Mtieħen tar-Riħ antiki.

50 Ittra mingħand it-TcTc rigward korsijiet E-Photo.

61;K0029; 179&K0061 Memo 1/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Attivitajiet Kulturali importanti ppjanati għal matul l-2009.

80;K037;K043 225;360;385 Memo 2/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Kunsilliera responsabbli mill-Proġetti sostenibbli fil-lokalita'.

88 Ittra mingħand is-Sur Edmund Azzopardi rigward Traffic Management fi Triq Alfons Maria Galea u Triq il-Karmelitani.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4945

2.02 B'riferenza għall-ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward ir-relaunching tal-Waterpolo Nursery, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jixtri s-servizz ta' kowċ, għall-ammont ta' €1150, sabiex b'kollaborazzjoni mal-Club jingħataw il-lezzjonijiet ta' l-għawm.

Rif. Nru. 4977 & 5112

2.03 Saret riferenza għall-ġemellaġġ mal-Comune di Milazzo. Inġibdet l-attenzoni tal-Kunsill illi reġgħu saru tentattivi biex jiġi konkluż dan il-ġemellaġġ, minħabba li skond ir-rekords ġie ffirmat biss il-preliminary agreement bejn iż-żewġ partijiet. Madankollu d-dokumenti li ntbagħtu lill-Comune di Milazzo reġgħu ntbagħtu lura mingħajr ma ttieħdet l-ebda azzjoni min-naħa tagħhom. Għaldaqstant wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Tiġi rtirata kull komunikazzjoni mal-Comune di Milazzo, biex jiġi ffinalizzat il-ġemellaġġ, peress li jidher li m'għadhomx interessati;

- ✓ Fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss il-Kunsillier Karl Gouder ser jgħaddi informazzjoni rigward il-possibilta' ta' ġemellaġġ ma' Macerata, Wales u Brussels.

Rif. Nru. 5020

2.04 B'riferenza għall-email mingħand il-Kunsill Lokali ta' Sta. Venera rigward laqgħa li saret mas-Sindku Peter Bonello, il-Kunsill ġie nfurmat illi Sta Venera għadhom il-ħsieb illi jagħmlu proġett simili għal dak illi jixtieq jagħmel il-Kunsill San Ġiljan f'Wied Għomor. Għaldaqstant ikun għaqli jekk issir applikazzjoni waħda għall fondi tal-EU.
Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Rif. Nru. 5081 u 5082

2.05 Saret riferenza għar-rapporti li għamlu s-Solid Base Laboratory Ltd dwar il-crack monitors li tpoġġew fl-uffiċċini tal-Kunsill. Ġie deċiż unanimament illi l-Perit tal-Kunsill, Stephen Farrugia ta' l-MP&DC, jikkuntattja lis-Solid Base Ltd biex jiddiskuti din il-materja. Wara l-Perit mitlub jagħmel rapport u jekk ikun hemm il-bżonn dan ir-rapport jintbagħat lill-Perit responsabbli għall-bini tal-uffiċċju.

Rif Nru. 27

2.06 B'riferenza għall-email mingħand il-MEPA rigward l-iskedar ta' Mtieħen tar-Riħ antiki ċ-Chairman ġibed l-attenzjoni illi kien ser ikellem lis-Sur John Agius sabiex jara jekk għandux xi informazzjoni li jista' jgħaddi lill-Kunsill.

Rif. Nru. 50

2.07 B'riferenza għall-email mingħand it-TcTc rigward korsijiet tal-ePhoto ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jitlob li tiġi estiża l-closing date biex ikun jista' isir reklam fuq il-magazine tal-Kunsill li jmiss.

Rif. Nru. 61 & 179

2.08 Saret riferenza għall-Memo 1/2009, mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, rigward attivitajiet kulturali importanti ippjanati għal matul l-2009. Ġie deċiż unanimament illi dawn l-ittri ser jiġu diskussi waqt Item 5.

Rif. Nru 80; 225;360;385 & K037; K043

2.09 B'riferenza għall-Memo 2/2009 rigward Kunsilliera responsabbli mill-Proġetti Sostenibbli fil-Lokalita' ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg ikunu responsabbli għall-Proġetti Sostenibbli u l-Kunsillier Ronald Agius ikun responsabbli mill-aspetti soċjali.

Rif. Nru. 88

2.10 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Edmund Azzopardi, rigward il-One Way Traffic Management li sar fi Triq Alfons Maria Galea u Triq il-Karmelitani. Wara

diskussjoni ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lill-ADT fejn tiġi nfurmata li r-residenti qed joġġezzjonaw għat-Traffic Management li ġie approvat għal trial period ta' xahar (Rif. Inc. 4069/08). Għalhekk il-Kunsill qed jirrakkomanda li din terġa' tiġi kif kienet jiġifieri li t-traffiku minn Triq Manwel Dimech jidħol għal Triq Alfons Maria Galea u joħroġ minn Triq il-Karmelitani.

Rif. Nru. 155, 158 u 242

2.11 Saret riferenza għall-Minuti 10/K6/08 datati 20 ta' Novembru 2008, taqsima 2, para 2.02, dwar talba għal pagament li saret minn Leon Promotions rigward attivita' li ġiet imtella fil-Karnival ta' Frar 2008. Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi fil-laqgħa li kellu ma' l-Onorevoli Mario Demarco ġie nfurmat illi dan il-pagament ser jitħallas min-naħa tal-Ministeru tat-Turiżmu.

2.12 B'riferenza għall-Karnival – 2009 (inc. 155/09) Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi din is-sena l-attivita' tal-Karnival terġa' ssir fil-Pjazza tal-Balluta u jiġi allokat l-ammont ta' €1165 biex ikopru l-ispejjeż kollha relatati mal-Karnival. Madankollu l-Ministeru tat-Turiżmu jiġi nfurmat li ser issir din l-attivita' sabiex jekk huwa possibbli tingħata l-għajnuna finanzjarja.

Fir-rigward l-email mingħand il-Kunsill Għaxaq (inc. 242/09) dwar żeffiena tal-karnival bil-kostum ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jospitahom fil-lokalita' u li jiġi provdut it-trasport. Madankollu tintalab aktar informazzjoni.

Rif. Nru. 307

2.13 B'riferenza għall-Memo 5/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema dwar Inizzjattivi Sportivi ġie deċiż unanimament illi l-Kunsillier Karl Gouder jiċċekkja dwar dawn l-inizzjattivi sportivi u jinforma lill-Kunsill x'jista' jsir.

Rif. Nru. 310

2.14 B'riferenza għall-ittra mingħand il-White Taxi Licenced Amalgamated sabiex titpoġġa ticketing booth ġo Paceville, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jitlob li jiġi ggwidat mid-

Dipartiment għall-Gvern Lokali. Madankollu l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li din issir.

Rif. Nru. 329

2.15 B'riferenza għall-ittra mingħand Fr. Hilary Tagliaferro rigward ħlas għal użu tal-WOW hall ġie deċiż unanimament illi jiġi kkuntattjat is-Sur Ray Abela tat-TcTc u jiġi nfurmat b'din is-sitwazzjoni filwaqt li tintbagħtlu kopja ta' l-ittra.

## 4 Fondi EU

4.01 Għal din l-item attendew rappreżentanti tal-MEUSAC, Ms Maria Schembri u Ms Lavinia Cassar. Dawn taw 'power point presentation' u spjegaw kif il-Kunsill jista' jipparteċipa fi programmi differenti ta' l-Unjoni Ewropea bi skop biex jibbenefikaw mill-fondi ta' l-E.U.

4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Is-Sindku Peter Bonello javviċina lill-Onorevoli George Pullicino, MRRA, u jinfurmah bl-intenzjoni tal-Kunsill li jagħmel użu mill-fondi tal-EU biex jiżviluppa Wied Għomor f'recreational area u jekk hemmx intenzjoni min-naħa tal-Ministeru li jsir xi proġett simili;

- ✓ Ms Schembri għandha tikkjarifika jekk hemmx bżonn illi l-Kunsill jingħata d-devoluzzjoni ta' l-area biex ikun jista' jsir il-proġett ta' Wied Għomor;

- ✓ Il-Viċi-Sindku Karl Gouder għandu jirrevedi d-dokumenti li ppreżentaw ir-rappreżentanti tal-MEUSAC sabiex jipprepara lista tal-proġetti li l-Kunsill jixtieq jagħmel mill-Fondi tal-EU. Din tiġi diskussa waqt laqgħa li ser issir mar-rappreżentanti tal-MEUSAC. Din il-laqgħa ser issir fit-tieni ġimgħa ta' Frar fis-1.00pm fl-uffiċċju tal-MEUSAC. Il-Kunsillier Karl Gouder ser jinforma lil-Kunsill bid-data aktar il quddiem biex min hu interessat jattendi.

## 5. Kalendarju tal-Kunsill

5.01 B'riferenza għal Kalendarju tal-Kunsill ġie deċiż unanimament illi jsiru dawn l-attivitajiet:- Il-karnival, maratona, Mediterranean Feast (Lampuki Night), u parteċipazjoni mal-Kunsill Qala għall-Qala International Folk Festival.

**Karnival** – Din is-sena dan Il-programm ser isir fit-22 ta' Frar 2009 fil-Pjazza tal-Balluta, ikun ta' madwar sagħtejn u jinkludi diversi gruppi taż-żfin, maskaruni u baned tal-lokalita';

**Maratona** – Din il-5K Road Race ser issir ġimgħa qabel il-Festa ta' San Ġiljan u r-rotta tkun kif ġej:- tibda minn Spinola, jinżlu lejn is-Savoy, jduru minn ħdejn il-futbol grawnd tal-Gzira u jerġgħu lura lejn San Ġiljan tul id-dawra tal-baħar;

**Mediterranean Feast (Lampuki Night)** - Issir Lampuki Night għal nofs Settembru. Għal din is-sena din ser issir fil-11 u 12 ta' Settembru f'Xatt is-Sajjieda. Ser jittellgħu stalls b'wirja ta' lampuki u d-diversi modi li jistgħu jissajru. Għal din l-attivita' ser jiġu mitluba jipparteċipaw is-sajjieda tal-lokalita' u ser tintbagħat ittra lil-Lukandi f'San Ġiljan u f'Paceville biex min hu interessat jipparteċipaw f'din l-attivita'. Dan billi jagħmlu xi riċetta li hija speċjalita' tagħhom iżda li għandha x'taqsam mal-ħut. Dawn jiġu mitluba sabiex jekk huma nteressati jibgħatu risposta tagħhom sa' l-1 ta' Mejju.

**Qala International Folk Festival** – Waħda mis-serati tal-Qala International Folk Festival, li jittella' fuq medda ta' 4 t'ijiem, għar-raba sena konsekuttiva ser issir ġewwa San Ġiljan.

5.02 Għall-attivita' tal-Karnival ġie deċiż unanimament li jiġu allokati mhux aktar minn € 1165 biex ikopri l-ispejjeż kollha relatati ma' din l-attivita'.

5.03 Il-Kunsill għad irid jiddeċiedi kemm ser jiġu allokati finanzi għall-attivitajiet tal-Maratona, Mediterranean Feast (Lampuki Night), u Qala International Folk Festival.

## 6 Ġnien Dun Anton Sciberras

6.01 Iċ-Chairman nforma lill Kunsill illi fit-8 ta' Jannar 2009 ingħatat id-devoluzzjoni ta' l-art ta' żewġ siti f'Ta' Ġiorni. Wieħed fl-inħawi tal-ġnien li sar fi Triq Ta' Ġiorni (ftit il-fuq

mill-kulleġġ tal-Libjani) u l-ieħor fejn sar il-kumpless Dun Anton Sciberras fi Triq William Hardman. Il-kera li għandha titħallas għal dawn iż-żewġ siti hija ta' €1500.

6.02 Wara diskussjoni qasira saret riferenza għas-'schedule' ta' l-offerti dwar it-Tmexxija tal-Kumpless Ġnien Dun Anton Sciberras ( ara appendiċi 'B' ).

6.03 Iċ-Chairman issuġġerixxa li jiġi avviċinat is-Sur Ray Bugeja biex jiġi nfurmat illi ma' l-ammont ta' € 5100 li ser jofri lill-Kunsill għandu jiżdied l-ammont ta' €1500. Jekk jirriżulta li s-Sur Bugeja ma jsibx oġġezzjoni ċ-Chairman ippropona li l-kuntratt għat-Tmexxija tal-Kumpless Ġnien Dun Anton Sciberras jingħata lis-Sur Bugeja.

6.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

6.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

7.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2568 sa 2592 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2568 sa 2592.

8.03 l-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9 Materji Oħra

9.01 Saret riferenza għall Minuti 11/K6/08 taqsima 2, Korrispondenza Inc. 4582/08, fejn il-Kunsill ġie nfurmat verbalment, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, illi peress li ma hemm xejn fil-liġi li tgħid li għandhom jintbagħtu kopja tal-minuti approvati permezz eletroniku huwa sta għall-Kunsill biex jiddeċiedi.

9.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi, peress li fil-minuti approvati jkun hemm il-firem, tingħata biss 'hard copy' lill-pubbliku li jagħmel it-talba.

9.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi bħala parti mill-'Outreach Programm' li qed tiġi organizzata mill-Ambaxxata Amerikana, ser issir laqgħa ma' rappreżentanti tagħhom, fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill il-Ħamis 5 ta' Frar fl-10.00 am. Għal darb' oħra ser tingħata donazzjoni ta' kotba lill-Kunsill. Lesti wkoll li jipparteċipaw f'xi attivitajiet kulturali jew edukattivi jew f'xi attivita' oħra proposta mill-Kunsill.

9.04 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li l-kuntrattur, Dimbros Ltd, ġibed l-attenzjoni għar-raġuni li ċerti materjal ogħla ħafna u li kien qed juża materjal ieħor ferm aħjar minn dak li hemm kwotat fit-tender, u xi drabi jkollu bżonn juża materjal li ma hemmx item għalih fit-tender. Għalhekk intagħlab parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Tendering Procedures – Pricing of Items (ara appendiċi 'E'). Wara saret laqgħa li għaliha kien hemm preżenti l-Contracts Manager (il-Perit Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg) is-Sur Ludwig Dimech is-surveyor tas-Sur Dimech, is-Sindku Peter Bonello u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker fejn ġiet diskussa din il-materja. Minn din il-laqgħa l-perit irrakkomanda li l-kuntrattur jitħallas id-differenza għall-materjal li uża skond kif ġie ċċertifikat mil-Contracts Manager. Minbarra dan waqt l-istess laqgħa l-kuntrattur ġie nfurmat biex jippreżenta l-proposta tiegħu biex tiġi kkunsidrata mill-Kunsill.

9.05 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li Dimbros Ltd jingħata d-differenza li hemm fir-rati għal kont li ġie iċċertifikat ( Inv. No. 42/08, 42A/08 u 42B/08 ) u li l-kuntrattur jippreżenta l-proposta tiegħu bil-miktub biex tiġi kkunsidrata mill-kunsill.

9.06 Il-Kunsillier Karl Gouder ġie skużat fl-4.30pm

9.07 Il-Kunsill ġie nfurmat illi mill-1 ta' Frar 2009 għandha tibda taħdem is-sistema aġġornata tal-customer care service. Kif ġiet aġġornata din is-sistema huwa mportanti li min iressaq xi ilment jżomm in-numru li jingħatalu. Fin-nuqqas ta' dan ma jkunx possibbli li jsir follow-up ta' l-ilment li jkun sar.

9.08 Il-Kunsillier Richard Scicluna ġie skużat fl-4.50pm

9.09 Fis-27 ta' Frar ser jitqassmu ċ-ċertifikati tal-kors tal-kompjuter li kien sar għand il-Horizon. Din l-attivita' ser issir fil-Millenium Chapel u ser issir bibita għal madwar 30 persuna bi spejjeż għall-Kunsill għal prezz ta' €3 kull persuna.

9.10 Ġie deċiż unanimament li s-Sur Victor Cachia jitħallas tax-xahar kollu ta' Jannar 2009 u li l-ħin nieqes jiġi kkompensat matul is-sena.

9.11 Il-Laqgħa ntemmet fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |